

# Kwizz

Ara tafx tirrispondi dawn il-mistoqsijiet.

**1. Iż-żrinġijiet jgħixu:**
- ○ fl-ilma biss
- ○ fuq l-art biss
- ○ kemm fuq l-art kif ukoll fl-ilma

**2. Denfil huwa:**
- ○ mammiferu
- ○ ħuta
- ○ rettilu

**3. Dan il-gass jagħmel ħsara lill-ożonu:**
- ○ FCF
- ○ CFC
- ○ CFF

**4. Nistgħu nużaw il-qxur tal-ħaxix u l-frott biex nagħmlu:**
- ○ il-ħamrija
- ○ it-terriċċju
- ○ il-kompost

**5. Fil-ħitan tas-sejjieħ jgħixu:**
- ○ il-bebbux
- ○ il-pitirrossi
- ○ iż-żrinġijiet

**6. Kemm idum flixkun tal-plastik biex jiddekomponi?**
- ○ minn 5 sa 50 sena
- ○ minn 51 sa 100 sena
- ○ ma jiddekomponi qatt

**7. Nistgħu nsaħħnu l-ilma mingħajr ma nagħmlu ħsara lill-ambjent billi nużaw:**
- ○ ktieli ta' l-elettriku
- ○ 'solar heaters'
- ○ 'cooker' tal-gass

**8. Il-qanfud jippreferi jiekol:**
- ○ l-insetti
- ○ il-weraq
- ○ il-frott



tweġibiet f'paġna 14

Mort nara skola u ndunajt b'ħames affarijiet
li mhumiex sewwa għal EkoSkola. Kapaċi ssibhom?

# *L-iskola tiegħek hija EkoSkola?*




**EkoSkola toffrilek iċ-ċans li ttejjeb l-ambjent ta' l-iskola tiegħek.**

Meta l-iskola tibda tieħu ħsieb ta' l-ambjent ... issir EkoSkola, jien niġi u nirregalalkom il-Bandiera l-Ħadra. Kull min jara din il-bandiera tperper fuq l-iskola tiegħek jinduna bis-suċċess li tkunu għamiltu. Jekk trid tkun taf aktar dwar EkoSkola, tkellem ma' l-għalliem/a tiegħek.



tweġibiet f'paġna 14